*- GARR TA' MERKANZIJA -*

- *RESPONSABILITA' TAS-SOCJETA' LI ASSUMIET L-ISTESS INKARIGU DI FRONTE GHALL-ATTUR –*

*-PACTA TERTIIS NEC PRESUNT NEC NOCENT -*

- *TALLY SHEET MHUX JOINT –*
- *GROUPAGE CONTAINER -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2002

**Kawza Numru: 16**
**Citazzjoni Numru: 679/00/RCP**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Marco Borg esercenti l-kummerc taht l-isem Marco Shoe Store abbazi tal-ligi u tal-polza ta' assikurazzjoni**

**vs**

**Advance Shipping Limited fil-kwalita` taghha ta' agent ta' Freight Express Marine Service u operaturi tal-bonded stores u Sea Malta Company Limited bhala agenti ta' MV Fast Trader**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta attrici b'rizultat tal-polza ta' assigurazzjoni kkompensat lill-assigurat taghha Marco Borg ezercenti l-kummerc taht l-isem *Marco Shoe Store* tat-telf li huwa garrab fis-somma ta' Lm1,131.73 u per konsegwenza giet surrogata fid-drittijiet tieghu kontra il-konvenuti jew min minnhom meta il-merkanzija li huma ghabbew fuq il-vapur *MV Fast Trader* giet lilu kkonsenjata b'xi nuqqasijiet.

Illi waqt li l-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta attrici kienet f'idejn u taht il-kura u l-kustodja tal-konvenuti, rrizultaw xi nuqqasijiet li ghalihom huma responsabbli bhala l-persuni li jridu jghaddu l-merkanzija lill-konsenjatarju fl-istess kondizzjoni u kwantita' li huma jkunu rcevewha.

Illi *ai termini* tal-polza ta' assigurazzjoni ezistenti bejn s-socjeta' attrici u l-assigurat taghha, is-socjeta' attrici kellha

tindenniza lill-assigurat taghha tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hija giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Illi l-konvenuti nterpellati sabiex jindennizzaw lis-socjeta attrici tas-somma fuq imsemmija baqghu inadempjenti.

Illi l-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jew min minnhom jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

(1) Tiddikkjara lill-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta attrici li waslu fuq il-vapur fuq imsemmi,

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta attrici fis-somma Lm1,131.73 elf mija u wiehed u tletin lira u tlieta u sebghin centezmu;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma fuq indikata bhala d-danni sofferti mis-socjeta attrici li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u cioe` mil-21 ta' Lulju 1999 mis-socjeta attrici lill-assigurat taghha u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' Lm10 ghall-konsult kontra l-

konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Sea Malta Company Limited tas-26 ta' Mejju 2002 a fol 8 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Fl-ewwel lok it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

(2) Fit-tieni lok il-kawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;

(3) Fit-tielet lok is-socjeta konvenuta kkonsenjat mill-istores taghha dak kollu li gie lilha konsenjat u fl-istat li rcevithom;

(4) Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost li s-socjeta konvenuta mhix responsabbli ghad-danni reklamati billi hija ma kienitx responsabbli ghall-istivar tal-oggetti in kwistjoni fil-*groupage container* in kwistjoni fil-port ta' Genoa minn fejn l-istess container taghbba fuq il-vapur Fast Trader fit-12 ta' April 1999. Illi kwalunkwe danni ikkagunati fil-merkanzija kien htija u tort tal-mod ta' kif l-istess merkanzija kienet stivata u responsabbilita ta' dik il-

persuna li kellha dan l-inkarigu u mhux tas-socjeta esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 9 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti a fol 10 sa 17 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Advance Shipping Limited tat-8 ta' Gunju 2002, a fol 18 tal-process, fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament trid issir il-prova tas-surroga tas-socjeta' attrici fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marco Borg esercenti l-kummerc taht l-isem *Marco Shoe Store*.

2. *In via* preliminari ukoll, is-socjeta' eccipjenti m'ghandiex ir-rappresentanza tas-socjeta *Freight Express Marine Service* u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju kif citata f'din il-kwalita'.

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, is-socjeta eccipjenti m'ghandiex tigi mizmuma responsabbli ghat-telf allegatament soffert mill-assikurat tas-socjeta attrici stante li l-merkanzija *de quo* twasslet l-Italja lill-agenti tal-vapur *MV Fast Trader*, li garret l-oggetti

lejn Malta, f'kondizzjoni tajba u minghajr ma gew rilevati xi mankanzi fl-istess.

4. Minghajr pregudizzju ukoll, anke jekk *dato ma non concesso* kellha tirrizulta xi responsabbilta' da parti minn wiehed mill-konvenuti ghan-nuqqassijiet allegati fil-konsenja tal-merkanzija, trid issir il-prova tal-*quantum* tat-telf soffert *inter alia* bis-sahha ta' prospett preciz sostnut b' dokumenti originali jew awtentikati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol 19 tal-process.

Rat il-verbal tas-16 ta' Gunju 2000 fejn Dr Lennart Depasquale ghas-socjeta` attrici indika lill-Qorti li n-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Advance Shipping Limited hija tardiva, inghata digriet tal-affidavits lis-socjeta` attrici ta' sittin jum u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghall-25 ta' Ottubru 2000.

Rat in-nota tal-atturi tal-10 ta' Ottubru 2000 fejn gie prezentat affidavit ta' Alan Dimech (fol 24 sa 29).

Rat il-verbal tal-25 t'Ottubru 2000 fejn xehdu Godfrey Grima, Joseph German u Silvio Vella u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-7 ta' Frar 2000.

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2001 fejn xehed Godfrey Grima u Dr Lennart Depasquale iddikjara li llum stess ser jipprezenta l-affidavit ta' Marco Borg u li m'ghandux aktar provi. Inghata digriet tal-affidavits lis-socjeta` konvenuta ta' 40 jum u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut ghat-3 Mejju 2001.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta Advance Shipping Limited tas-6 ta' Marzu 2001 fejn gie prezentat affidavit ta' Joseph German (fol 75 sa 80).

Rat in-nota tal-atturi tas-7 ta' Frar 2001 fejn gie esebit l-affidavit ta' Marco Borg (fol 82 sa 94 tal-process).

Rat il-verbali tat-3 ta' Mejju 2001 fejn xehed Joseph German, tat-3 ta' Lulju 2001 fejn xehed Silvio Vella u Dr John Refalo ghas-socjeta` Sea Malta ddikjara li m'ghandux xhieda aktar. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta` Advance Shipping Ltd ghat-22 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2001 u tas-27 ta' Frar 2002 fejn is-socjeta` konvenuta u d-difensuri taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenuti maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'April 2002.

Rat il-verbal tat-30 ta' April 2002 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza giet differita ghas-sentenza 30 ta' Mejju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret stante li s-socjeta' attrici qed tallega li hija assigurat merkanzija ta' Marco Borg li kellha tigi Malta minn barra, liema merkanzija effettivament giet Malta bin-nuqqas u bil-hsara u ghalhekk l-istess socjeta' attrici kkumpensat lill-istess assigurat taghha ghall-istess nuqqas kif kienet obbligata li taghmel skond il-polza fil-waqt li ipprocediet permezz tal-istess citazzjoni kontra l-konvenuti odjerni, allegatament responsabbli ghall-istess nuqqas minhabba li tali merkanzija kienet fil-kura u kustodja taghhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-assigurat tal-attur Marco Borg ghan-nom tad-ditta *Marco Shoe Store* kellu konsenja ta' zraben kif jirrizulta mid-Dok. "AD1" a fol. 26 mill-Italja li kellha tigi fuq l-bastiment *MV Fast Trader* li tieghu l-agenti Malta huma s-socjeta' Sea Malta Company Limited.

Illi l-istess assigurat tas-socjeta' attrici Marco Borg kien ukoll inkariga lis-socjeta' konvenuta l-ohra Advance Shipping Limited sabiex tiehu hsieb il-garr tal-istess merkanzija lejn Malta, u dawn min-naha taghhom qabbdu lis-socjeta' Freight Express srl., li maghhom jikkollaboraw ghall-garr tal-istess merkanzija sabiex jorganizzaw l-istess trasport, u din ghamlet l-arrangamenti sabiex l-istess merkanzija tigi trasportata mill-vapur Fast Trader Italia tramite l-agenti tal-istess Shipping Services Italia, li taghhom l-agenti Malta hija is-socjeta' konvenuta l-ohra.

Illi fil-fatt tali merkanzija konsistenti f'121 *packages* giet moghtija lis-socjeta' Shipping Services Italia s.r.l. bla ebda rimarki u *'in apparent good order and condition'* kif jirrizulta mill-polza ta' karigu immarkata bhala Dok. "JG1" a fol. 78 tal-process, u din il-merkanzija tqeghdet ma merkanzija ohra fi Groupage Container li kellu l-marka GLDU Numru 047205 – 5 li tnizzel bhala *container* minn abbord fit-12 ta' April 1999 skond *tally sheet* li ma hijiex *joint*, ghaliex iffirmata biss mir-rapprezentant tas-Sea Malta Company Limited, liema *container* nizel bis-sigill b'kollox u intatt kif jidher mir-rimarka *'sealed'* mill-istess *tally sheet*.

Illi dan l-istess *container* gie *destuffed* mis-socjeta' Sea Malta Company Limited wahedha fit-13 ta' April 1999 kif jirrizulta minn *tally sheet* ohra esebita a fol. B a fol. 12 tal-process fil-Bonded Stores tal-istess socjeta' Sea Malta Limited minn fejn gie identifikat li minn total ta' 121 *packages* destinati lis-socjeta' Advance Shipping kien

hemm rimarka ta' *"3 pkgs damaged and 10 taped"* u dan huwa kkonfermat mir-*report on Condition of Cargo* datat 14 ta' April 1999 u meta inhareg ix-xoghol sabiex jinghata lis-socjeta' konvenuta l-ohra imtliet *Form No 1c* skond **artikolu 88 tal-Kap 37** u iffirmata mill-Ufficjal tad-Dwana u datata 14 ta' April 1999, fejn hemm ukoll indikat li kienu *"revd 3 damaged and 10 taped",* kif jirriuzlta mill-istess formula immarkata bhala Dok. "JG" a fol. 35 tal-process. Dan kollu huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Silvio ghan-nom tas-socjeta' Sea Malta Co. Ltd tal-25 ta' Ottubru 2000 a fol. 43 tal-process u minn Godfrey Grima, rappresentant tad-Dwana fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Frar 2001 u l-affidavit ta' Joseph German pprezentat fis-6 ta' Marzu 2001 (ghalkemm dan lanqas jidher li gie mahluf regoralment – *vide* fol. 77).

Illi fil-fatt il-merkanzija twasslet f'dan l-istat ghand l-assigurat tas-socjeta' attrici mill-*bonded stores* tas-socjeta' konvenuta Advance Shipping Limited, u dan kif jirrizulta mill-affidavit ta' Marco Borg datat 7 ta' Frar 2001 a fol. 83 tal-process u mid-dokument "MB5" hemm indikat l-ammont ta' merkanzija li twaslet nieqsa mill-assigurat tas-socjeta' attrici, liema dokument jinsab esebit a fol. 86 *et sequitur* tal-process.

Illi dan huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Joseph German, rappresentant tal-istess socjeta' Advance Shipping Limited skond ix-xhieda tieghu tal-25 ta' Ottubru 2000 a fol. 39 tal-process.

Illi sussegwentement sar *survey* mis-socjeta' assiguratrici li minnu rrizulta li kien hemm 72 par zarbun nieqes u abbazi ta' *adjustment of claim form* mmarkata bhala Dok. "AD 2" gie stabbilit li l-ammont ta' nuqqas kien ta' Lm1,131.73, li thallsu lill-istess assigurat mis-socjeta' attrici li minn naha taghha giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha skond *subrogation form* datata 19 ta' Lulju 1999 u esebita a fol. 29 tal-process bhala Dok. "AD3".

Illi minn dan l-istat ta' provi jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-merkanzija giet ikkonsenjata bir-rimarki u bin-nuqqasijiet indikati mill-assigurat tas-socjeta' attrici, u jirrizulta wkoll bla ebda dubju, anke minhabba l-esebizzjoni tas-*subrogation form* relattiva li l-istess Marco Borg thallas tal-istess nuqqas mis-socjeta' attrici u dan in forza tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u l-istess socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha u ghalhekk ghamlet din il-kawza kontra l-istess konvenuti.

Illi li jonqos li jigi deciz huwa ta' min hija r-responsabilita' tal-istess nuqqas fl-imsemmija merkanzija; u sabiex taghmel dan din il-Qorti tirreferi ghall-fattispecie tal-kaz fuq indikati minn fejn fl-ewwel lok jirrizulta li huwa ammess li l-assigurat tas-socjeta' attrici inkariga lis-socjeta' konvenuta Advance Shipping Limited sabiex hija twassal l-istess merkanzija li kellu mid-ditta 3 A Antonini spa tal-Italia ghall-Malta; din min-naha taghha inkarigat lis-socjeta' taljana Freight Services Express srl. bhala *freight fowarder* li hija

stabbilita Milan, sabiex jaghmlu kuntatt ma' ditta Taljana u torganizza it-trasport tal-merkanzija Malta, u din ta' l-ahhar ghamlet il-kuntatti necessarji u qabdet lis-socjeta' Shipping Services Limited srl bhala agenti tal-vapur Fast Trader Italia sabiex twassal l-istess merkanzija Malta.

Illi minn dan kollu jirrizulta li r-relazzjoni li kien hemm ghat-trasport tal-istess merkanzija da parte tal-assigurat tas-socjeta' attrici kienet u baqghet dejjem mas-socjeta' Advance Shipping Limited, stante li l-inkarigu inghata mill-istess Marco Borg lilha u dan kif ammess fl-affidavit ta' Joseph German a fol. 76 u 77 tal-process, u ghalhekk l-istess socjeta' biss ghandha relazzjoni guridika mal-assigurat tal-attur, salv kull dritt ta' rivalsa li jista' l-istess socjeta' konvenuta jkollha kontra s-socjetajiet l-ohra kollha inkarigati minnha.

Illi fil-fatt l-istess Joseph German fl-affidavit tieghu a fol. 76 tal-process jghid is-segwenti:-

*"Illi ghall-habta ta' Marzu 1999, Marco Borg kien talabna nittrasportawlu konsenja zraben mid-ditta 3A Antonini spa tal-Italia. Ahna avzajna lil Freight Express srl li huma stabbiliti Milan, sabiex jaghmlu kuntatt mad-ditta Taljana u jorganizzaw it-trasport tal-merkanzija ghal Malta. Illi Freight Express srl. wara li ikkuntatjajna id-ditta esportatrici, ghamlet l-arrangamenti necessarji biex tigbor il-merkanzija u twassalha Malta tramite l-agenti tal-vapur Fast Trader Italia li jisimhom Shipping Services Italia srl".*

*"Ghandi nghid li bhala regola is-socjeta' taghna meta jkollha ix-xoghol mill-Italia l-ewwel twassal il-konsenji ta' merkanzija fdati f'idejha gewwa bonded store li ghanda Milan. Minn hemmhekk, dawn jigu mghobbija go container indirizzat lil Advance Shipping ghal Malta. F'dan il-kaz pero' peress li l-konsenja kienet zghira, iddecidejna li nwasslu l-merkanzija lil Shipping Services Italia srl".*

Illi minn dan il-bran japplika dak li inghad fis-sentenza **"Benjamin Bonnici *nomine vs* Francis Vella *et nomine"*** ( Citaz. Numru. 1083/92/JF - P.A. F. 30 ta' Ottubru 2000.)

*"Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici* (f'dan il-kaz l-attur) *u s-socjeta' konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz - minghajr ebda participazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta' attrici* (f'dan il-kaz l-assigurat tal-attur) - *m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta' attrici (*aqra ghal dan il-kaz l-assigurat tal-attur) *ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta' konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur … ... kif kienet tenuta li taghmel … … … Il-konvenuti nomine ma rnexxielhomx jippruvaw li n-nuqqasijiet graw minhabba ragunijiet barra mill-kontroll taghhom. Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur … ... ta l-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarigaw it-trasport lil terz. Kull ftehim ghalih*

*kien 'res inter alios acta' u n-norma applikabbli f'kaz bhal dan hija dik li 'pacta tertiis nec presunt nec nocent'".*

Illi huwa rilevanti li f'dik l-istess kawza hawn citata sahansitra giet michuda l-kjamata fil-kawza tat-terza persuna li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat sabiex iggor il-merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta, stante li sostniet li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk la darba l-gudizzju huwa integru u fejn ir-responsabilita' tal-konvenut fil-konfront tal-attur hija indubitata, indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor, mela allura l-kjamata fil-kawza tat-terz ma ghandhiex tigi applikata. **("Mamo vs Abela nomine" -** A.C. 4 ta' Frar 2000).

Illi fis-sentenza **"Albert Abela vs S. Mifsud & Sons"** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) dawn il-principji kollha gew ikkonfermati u din il-Qorti thoss li japplikaw ghall-kaz inkwistjoni stante li l-unika relazzjoni li tezisti dwar dan il-kuntratt ta' garr ta' merkanzija mill-Italja ghall-Malta kienet proprju dak bejn l-assigurat tal-attur u s-socjeta' konvenuta Advance Shipping Limited, u kull relazzjoni li setghet inholqot bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' estera indikata fl-affidavit tas-socjeta' konvenuta fuq citata, u cjoe' id-ditta *Shipping Services Italia srl.* hija estraneja ghal posizzjoni tal-assigurat tal-attur f'din il-kawza.

Illi pero' l-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta ma tieqafx hawn, ghaliex f'din il-kawza hemm citata wkoll is-socjeta'

konvenuta l-ohra Sea Malta Company Limited, u ghalhekk din il-Qorti trid tezamina jekk hemmx xi responsabilita' tal-istess in kwantu jirrigwarda n-nuqqas tal-merkanzija *de quo,* stante li dan jista' jimpingi fuq il-grad ta' responsabilita' tal-istess socjeta' konvenuta Advance Shipping Limited, in kwantu l-istess socjeta' Sea Malta Company Limited garret il-merkanzija hawn Malta.

Illi sabiex jigi determinat dan il-punt kollox jiddependi fuq x'kwalita' jew x'tip ta' merkanzija l-istess socjeta' giet inkarigata sabiex titrasporta u mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess socjeta' trasportatrici garret mill-Italja ghall-Malta *groupage container,* kif jirrizulta mid-dokumenti kollha relattivi inkluzi it-*tally sheet* ta' meta l-istess merkanzija tnizzlet minn fuq il-vapur.

Illi mill-istess *tally sheet* – Dok. "SV1" a fol. 36 tal-process jirrizulta li tali *container* Numru 047205 – 5 nizzel bis-sigill tieghu intatt u dan juri li ma kien hemm ebda merkanzija sfuza, pero' meta l-istess merkanzija giet mahruga mill-istess *container* u dan fil-presenza ta' rappresentanti tal-istess Sea Malta Company Limited biss, irrizulta li mill-istess merkanzija destinata lill-assigurat tas-socjeta' attrici kien hemm 121-il pakkett li minnhom tlett (3) pakketti kienu bil-hsara u ghaxra (10) *'taped'.*

Illi peress li l-istess *tallysheets* ma kienux *joint* dan jista' jitfa' dubju serju fuq ir-responsabilita' tas-socjeta' trasportatrici f'kazijiet normali u kieku jirrizulta li l-125

pakkett inghataw lill-istess socjeta' bla ebda rimarki; izda mill-provi prodotti u partikolarment mill-*Bill of Lading* jirrizulta li l-istess socjeta' inghatat tramite s-socjeta' *Freight Express S.R.L.* biss *container* u ghalhekk ma hux maghruf f'liema stat l-istess merkanzija giet mghobbija fil-*container* u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-istess nuqqas, lanqas *vis-à-vis* is-socjeta' konvenuta l-ohra, izda ir-responsabilita' tibqa' biss tas-socjeta' Advance Shipping Company Limited, salv kull dritt spettanti lill-istess kontra s-socjeta' estera *Freight Express srl*, u l-persuni mqabbda minn din ta' l-ahhar u f'dan l-inkarigu moghti hekk rappresentata f'Malta.

Illi dwar l-ammont ta' danni riklamati hemm ix-xhieda ta' Alan Dimech u d-dokumenti minnu esebiti, kif ukoll l-affidavit ta' Marco Borg tas-7 ta' Frar 2001 li juri in-nuqqasijiet sofferti fl-istess merkanzija, u l-kwantifikazzjoni tal-*claim* skond id-dokument "AD2" a fol. 27 u 28 tal-process, li jwassal ghall-ammont ta' Lm1,131.73 mitlub bhala sorte.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Advance Shipping Limited, filwaqt li s-socjeta' Sea Malta Company Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' Sea Malta Company Limited u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' Advance Shipping Limited, **tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' Advance Shipping Limited** fil-kwalita' taghha premessa b'dan illi:-

(1) Tiddikkjara lis-socjeta' konvenuta Advance Shipping Limited unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta' attrici li waslu fuq il-vapur fuq imsemmi,

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta attrici fis-somma ta' elf, mija u wiehed u tletin lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,131.73);

(3) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Advance Shipping Limited thallas lis-socjeta attrici s-somma fuq indikata ta' elf, mija u wiehed u tletin lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,131.73) bhala d-danni sofferti mis-socjeta attrici li ghalihom hija responsabbli s-socjeta' konvenuta Advance Shipping Limited, kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u cioe` mill-21 ta' Lulju 1999 mis-socjeta attrici lill-assigurat taghha sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inluzi dwak tas-

socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited kontra l-istess socjeta' konvenuta Advance Shipping Limited fil-kwalita' taghha premessa.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**